# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015

**Talba Nru: 437/2015/VG**

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Shirley ELLUL [ID 264279M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Gunju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elfejn u hames euro u hamsa u disghin centezmi ta' euro [€2,005.95c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimata ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elfejn u hames Ewro u hamsa u disghin centezmu (€2,005.95) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. VF 1.

> Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hi baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimata illi hi, minn issa, ingunta ghas-subizzjoni taghha".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fil-11 ta' Gunju, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-intimata dehret fis-seduta tal-lum u ddikjarat li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elfejn u hames euro u hamsa u disghin centezmi ta' euro [€2,005.95c] dovut lilha ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti.

Ikkunsidra;

2. L-intimata dehret fis-seduta tal-lum u ammettiet li hija ghad fadlilha thallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont minnha reklamat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimata, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn u hames euro u hamsa u disghin centezmi ta' euro [€2,005.95c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**